

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1572/2007**tal-21 ta' Diċembru 2007****li jiffissa l-prezzijiet ta' referenza għal ċerti prodotti tas-sajd għas-sena tas-sajd 2008**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 tas-17 ta' Diċembru 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti mis-sajd u l-akkwakultura ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 29(1) u (5) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 104/2000 jistabbilixxi illi l-prezzijiet ta' referenza validi għall-Komunità jistgħu jiġu ffixxati kull sena, skond il-kategorija ta' prodotti, għal prodotti li huma s-suġġett ta' sospensjoni ta' dazji tat-tariffa skond l-Artikolu 28(1). L-istess jgħodd għal prodotti li, billi jkunu jew is-suġġett ta' riduzzjoni tariffarja li torbot taħt it-WTO jew xi arranġamenti preferenzjali oħra, għandhom jimxu ma' prezz ta' referenza.

(2) Għall-prodotti mniżżla fl-Anness I, (A) u (B) mar-Regolament (KE) Nru 104/2000, il-prezz ta' referenza huwa l-istess bħal prezz ta' l-irtirar skond l-Artikolu 20(1) ta' dak ir-Regolament.

(3) Il-prezzijiet tal-Komunità ta' l-irtirar u tal-bejgħ għall-prodotti konċernati huma ffixxati għas-sena tas-sajd 2008 bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1570/2007 ⁽²⁾.

(4) Il-prezz ta' referenza għal prodotti barra dawk imniżżla fl-Annessi I u II tar-Regolament (KE) Nru 104/2000 huwa stabbilit fuq il-bażi tal-medja b'koeffiċjent korrettiv tal-valuri tad-dwana rreġistrati fuq is-swieq ta' l-importazzjoni jew fil-portijiet ta' importazzjoni fit-tliet snin li jiġu immedjatament qabel id-data li fiha jiġi ffixsat il-prezz ta' referenza.

(5) Ma hemmx hteġa li jiġu ffixxati il-prezzijiet ta' referenza għall-ispeċijiet kollha li huma koperti bil-kriterji stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 104/2000, u partikolarment mhux għal dawk importati minn pajjiżi terzi f'volumi insinifikanti.

(6) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Prodotti tas-Sajd,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-prezzijiet ta' referenza għas-sena ta' sajd 2008 tal-prodotti tas-sajd, kif imsemmi skond l-Artikolu 29 tar-Regolament (KE) Nru 104/2000, huma stipulati fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 21 ta' Diċembru 2007.

Għall-Kummissjoni

Joe BORG

Membri tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 17, 21.1.2000, p. 22. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1759/2006 (ĠU L 335, 1.12.2006, p. 3).

⁽²⁾ ara paġna 69 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

ANNEX (1)

1. Prezzijiet ta' referenza għall-prodotti msmmija fl-Artikolu 29(3)(a) tar-Regolament (KE) Nru 104/2000

Speċi	Daqs (1)	Prezz ta' referenza (EUR/tunnellata)			
		Imsewwi bir-ras (1)		Ħut sħiħ (1)	
		Kodiċi Taric addizzjonali	Extra, A (1)	Kodiċi Taric addizzjonali	Extra, A (1)
Aringa ta' l-ispeċi <i>Clupea harengus</i> ex 0302 40 00	1		—	F011	130
	2		—	F012	199
	3		—	F013	188
	4a		—	F016	119
	4b		—	F017	119
	4c		—	F018	249
	5		—	F015	222
	6		—	F019	111
	7a		—	F025	111
	7b		—	F026	100
	8		—	F027	83
Redfish (<i>Sebastes spp.</i>) ex 0302 69 31 and ex 0302 69 33	1		—	F067	953
	2		—	F068	953
	3		—	F069	800
Merluzz ta' l-ispeċi <i>Gadus morhua</i> ex 0302 50 10	1	F073	1 186	F083	856
	2	F074	1 186	F084	856
	3	F075	1 120	F085	659
	4	F076	889	F086	494
	5	F077	626	F087	362
		Mgħolli fl-ilma		Frisk jew imkessaħ	
		Kodiċi Taric addizzjonali	Extra, A (1)	Kodiċi Taric addizzjonali	Extra, A (1)
Gambli ta' l-ilma fond (<i>Pandalus borealis</i>) ex 0306 23 10	1	F317	5 010	F321	1 092
	2	F318	1 757	—	—

(1) Il-kategoriji ta' freskezza, tad-daqs u tal-preżentazzjoni huma dawk stipulati fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 104/2000.

(1) Il-kodiċi addizzjonali li għandu jissewja għall-kategoriji kollha għajr dawk espliċitament imsemmija fil-punti 1 u 2 ta' l-Anness huwa "F499: Oħrajn".

2. Prezzijiet ta' referenza għall-prodotti tas-sajd imsejħa fl-Artikolu 29(3)(d) tar-Regolament (KE) Nru 104/2000

Il-Prodott	Kodiċi Taric addizzjonali	Preżentazzjoni	Prezz ta' referenza (€/tunnellata)
1. Redfish (<i>Sebastes spp.</i>)			
ex 0303 79 35 ex 0303 79 37	F411	Shih — bir-ras jew mingħajrha	960
ex 0304 29 35 ex 0304 29 39	F412 F413 F414	Fletti: — bix-xewk ("standard") — bla xewk — blokok f'imballaġġ immedjat li ma jiżnux aktar minn 4 kg	1 953 2 159 2 285
2. Merluzz (<i>Gadus morhua</i> , <i>Gadus ogac</i> and <i>Gadus macrocephalus</i>) u ħut ta' l-ispeċi <i>Boreogadus saida</i>			
ex 0303 52 10, ex 0303 52 30, ex 0303 52 90, ex 0303 79 41	F416	Shah, bir-ras jew mingħajrha	1 084
ex 0304 29 29	F417 F418 F419 F420 F421	Fletti: — fuljati jew fi blokok industrijali, bix-xewk ("standard") — fuljati jew fi blokok industrijali, bla xewk — fletti individwali jew fuljati għal kollox, bil-ġilda — fletti individwali jew fuljati għal kollox, bla ġilda — blokok f'imballaġġ immedjat li ma jiżnux aktar minn 4 kg	2 452 2 717 2 550 2 943 2 903
ex 0304 99 33	F422	Biċċiet u laħam ieħor, minbarra blokok ikkapuljati	1 463
3. Pollakkju (<i>Pollachius virens</i>)			
ex 0304 29 31	F424 F425 F426 F427 F428	Fletti: — fuljati jew fi blokok industrijali, bix-xewk ("standard") — fuljati jew fi blokok industrijali, bla xewk — fletti individwali jew fuljati għal kollox, bil-ġilda — fletti individwali jew fuljati għal kollox, bla ġilda — blokok f'imballaġġ immedjat li ma jiżnux aktar minn 4 kg	1 518 1 705 1 476 1 680 1 768
ex 0304 99 41	F429	Biċċiet u laħam ieħor, minbarra blokok ikkapuljati	986

Il-Prodott	Kodiċi Taric addizzjonali	Preżentazzjoni	Prezz ta' referenza (€/tunnellata)
4. Haddock (<i>Melanogrammus aeglefinus</i>)		Fletti:	
ex 0304 29 33	F431	— fuljati jew fi blokok industrijali, bix-xewk ("standard")	2 264
	F432	— fuljati jew fi blokok industrijali, bla xewk	2 606
	F433	— fletti individwali jew fuljati għal kollox, bil-ġilda	2 537
	F434	— fletti individwali jew fuljati għal kollox, bla ġilda	2 710
	F435	— blokok f'imballaġġ immedjat li ma jiżnux aktar minn 4 kg	2 960
5. Pollakkju ta' l-Alaska (<i>Theragra chalcogramma</i>)		Fletti:	
ex 0304 29 85	F441	— fuljati jew fi blokok industrijali, bix-xewk ("standard")	1 147
	F442	— fuljati jew fi blokok industrijali, bla xewk	1 324
6. Aringi (<i>Clupea harengus</i> , <i>Clupea pallasii</i>)		Ġnub ta' l-aringi	
ex 0304 19 97	F450	— ta' aktar minn 80 g l-biċċa	510
ex 0304 99 23	F450	— ta' aktar minn 80 g l-biċċa	464